SAN GILJAN

# KUMITAT AMMINISTRATTIV PACEVILLE

MINUTI

Laqgħa tal-Kumitat Amministrattiv Paceville

Il-Sebgħa Laqgħa Pubblika tal-Kumitat Amministrattiv Paceville.

**1. Introduzzjoni**

1.01 Il-Kumitat Amminsitrattiv Paceville żamm is-seba' Laqgħa Pubblika, skont kif jipprovdi l-Att dwar il-Kunsilli Lokali, nhar il-Ġimgħa 24 ta' Frar 2017 fis-06.30p.m.

1.02 Il-Laqgħa saret fil-WOW Millennium Chapel, Triq il-Knisja, Paceville.

1.03 **Preżenti:**

Albert Bonello Ghio – Ċermen
Joseph Oliva – Membru
Guido Dalli – Sindku
Paul Spiteri – Segretarju Ezekuttiv
Connie Said – Skrivana
Bentley Muscat Curmi - Skrivana

**Assenti b'Apoloġiji (Skont Ordni Permanenti 14A (3))**

L-ebda membru ma informa lill-Kunsill li ser jkun assenti.

**Assenti:**(3)
- Michael La Rosa – Viċi-Ċermen
- Maria Dolores Sultana – Membru
- Richard Scicluna – Membru

1.04 Preżenza tal-Pubbliku:- 6

1.05 Iċ-Ċermen Albert Bonello Ghio ippresieda l-laqgħa.

## 1.2 Aġenda

1.2.01 Il-Kumitat mexa' fuq l-avviż li ġie ppubblikat fl-16 ta' Frar 2017.

L-Aġenda kienet hekk:-

1. Ftuħ miċ-Ċermen
2. Rapport Amministrattiv tax-Xogħolijiet
3. Diskussjoni
4. Egħluq

1.2.02 Iċ-Ċermen ta merħba lir-residenti li kienu preżenti u għarrafhom li l-laqgħa kienet qed tinżamm skond Artiklu 70 ta' l-Att dwar il-Kunsilli Lokali.

## 1.3 Rapport ta' Xogħolijiet fuq l-andament tal-Kumitat Amministrattiv matul is-sena 2016

1.3.01 Iċ-Ċermen qara r-rapport tax-xogħolijiet fuq l-andament tal-Kunsill matul is-sena li għaddiet 2016 – Ara Appendiċi 'A'.

## 2 Suġġerimenti / Ilmenti

2.01 Wara li nqara r-rapport tressqu dawn l-ilmenti:-

a) Is-Sur Joseph Urpani –

1. Staqsa għalfejn iż-żebra crossing ta' Triq il-Knisja ma' reġgħetx ġiet miżbugħa. Is-Sindku Guido Dalli infurmah li din l-imsemmija żebra crossing għandha titniżżel aktar 'l isfel.

2. Irrimarka ukoll rigward l-istat ta' mistħija li qegħda fiha l-latrini pubblika tan-nisa ta' quddiem il-LOVE MONUMENT. Is-Sur Urpani ġie nfurmat li din il-latrina ngħalqet u ġiet trasferita fid-daħla tat-Tigulio.

b) Is-Sinjura Anna Zahra :-

1. Talbet kjarifika rigward il-ħinijiet tal-ftuħ ta' l-Uffiċċju Amministrattiv. Is-Segretarju Ezekuttiv Paul Spiteri infurmha bil-ħinijiet tal-ftuħ.

2. Infurmat lill-Kumitat Amminisitrattiv li hemm bżonn li jitnaddaf u jiġi rranġat Xatt is-Sajjieda. Is-Sindku Guido Dalli informa lis-Sinjura Zahra li dan ix-Xatt ser jiġi rranġat mill-Malta Tourism Authority.

c) Is-Sur Zahra talab:-

1. Kjarifika rigward il-Bye Law ta' Xatt is-Sajjieda. Dan peress li qed jinbnew il-garaxxijiet fix-Xatt u ser tinħoloq problema rigward id-dħul u ħruġ minn dawn il-garaxxijiet.

2. Hemmx il-possibilta' li jerġa jsir il-passaġġ pubbliku li kien hemm fix-Xatt is-Sajjieda u li dan ittieħed minn terzi persuni.

Wara diversi lmenti / suġġerimenti ċ-Ċermen irringrazzja lill-pubbliku tal-attendenza tagħhom.

Il-laqgħa ntemmet fis-7.00p.m.

| | |
|---|---|
| **Albert Bonello Ghio**<br>**Ċermen** | **Paul Spiteri**<br>**Segretarju Eżekuttiv** |